

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 2/2017 TAL-KUMITAT KONĠUNT TAL-KONVENZJONI REĠJONALI DWAR IR-REGOLI PREFERENZJALI TAL-ORIĠINI PAN-EWRO-MEDITERRANJI

tas-16 ta' Mejju 2017

li temenda d-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji bl-introduzzjoni ta' possibbiltà ta' rifiżjoni tad-dazju u ta' akkumulazzjoni sħiħa fil-kummerċ koperti mill-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA) li jinvolvi r-Repubblika tal-Moldova u l-parteciċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea [2019/940]

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini Pan-Ewro-Mediterranji ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) L-Artikolu 1(2) tal-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji ("il-Konvenzjoni") jistipula li l-Appendiċi II jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċjali li huma applikabbli bejn ċerti Partijiet Kontraenti u li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi I.
- (2) L-Artikolu 1 tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni jistipula li fil-kummerċ bilaterali ta' bejniethom, il-Partijiet Kontraenti jistgħu japplikaw dispożizzjonijiet speċjali li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Appendiċi I u li dawk id-dispożizzjonijiet ikunu stipulati fl-Annessi tal-Appendiċi II.
- (3) Ir-Repubblika tas-Serbja li qed tippresiedi s-sottokomitati tas-CEFTA dwar id-dwana u r-regoli tal-oriġini fil-qafas tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA) li jinvolvi r-Repubblika tal-Moldova u l-parteciċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "l-Istati Parti tas-CEFTA"), għarrfet lis-segretarjat tal-Komitati Konġunt tal-Konvenzjoni dwar id-Deċiżjoni Nru 3/2015 tal-Komitati Konġunt tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali tas-26 ta' Novembru 2015 li tintroduċi l-possibbiltà ta' rifiżjoni tad-dazju u ta' akkumulazzjoni sħiħa fil-kummerċ bejn ir-Repubblika ta' Moldova u l-parteciċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-qafas tas-CEFTA.
- (4) L-Artikolu 4(3)(a) tal-Konvenzjoni jipprevedi li l-Komitati Konġunt jeħtieġ jadotta l-emendi tal-Konvenzjoni, inklużi l-emendi tal-Appendiċi.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Appendiċi II tal-Konvenzjoni, li jistipula d-derogi mid-dispożizzjonijiet tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni, huwa emendat u kkumplementat bl-Annessi XIII, G u H fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni, stabbiliti fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Annessi XIII, G u H tal-Appendiċi II tal-Konvenzjoni, stabbiliti fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni, jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-projbizzjoni tar-rifiżjoni tad-dazju u akkumulazzjoni sħiħa fil-kummerċ bejn l-Istati Parti tas-CEFTA.

⁽¹⁾ ĠUL 54, 26.2.2013, p. 4.

Artikolu 3

L-Annessi għandhom jiffurmaw parti integrali minn din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha mill-Kumitat Konġunt.

Id-data tal-applikazzjoni għandha tkun l-1 ta' Lulju 2019.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2017.

Għall-Kumitat Konġunt
Il-President
Péter KOVÁCS

ANNEX I

Fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni, jiżdied l-Anness XIII li ġej:

"ANNEX XIII

**Il-kummerċ kopert mill-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali (CEFTA) li jinvolvi r-
Repubblika tal-Moldova u l-parteciċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-
Unjoni Ewropea**

Artikolu 1

Esklużjonijiet minn akkumulazzjoni tal-orijini

Il-prodotti li jkunu kisbu l-orijini tagħhom permezz tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet maħsubin f'dan l-Anness għandhom jiġu esklużi mill-akkumulazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3 tal-Appendiċi I.

Artikolu 2

Akkumulazzjoni tal-orijini

Bl-għan li jiġi implimentat l-Artikolu 2(1)(b) tal-Appendiċi I, ħidma jew ipproċessar imwettqin fir-Repubblika tal-Moldova jew mill-parteciċipanti fil-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ("l-Istati Parti tas-CEFTA"), għandhom jitqiesu li twettqu fi kwalunkwe Stat Parti tas-CEFTA meta l-prodotti miksubin tkun saritilhom ħidma jew ipproċessar sussegwenti fl-Istat Parti tas-CEFTA kkonċernat. Fil-każ fejn, skont din id-dispożizzjoni, il-prodotti oriġinarji jinkisbu f'żewġ Partijiet ikkonċernati jew aktar, għandhom jitqiesu li joriġinaw fi Stat Parti tas-CEFTA kkonċernat fil-każ biss li x-xogħol jew l-ipproċessar imur lil hinn mill-operazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 6 tal-Appendiċi I.

Artikolu 3

Provi tal-orijini

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16(4) u (5) tal-Appendiċi I, l-awtoritajiet doganali ta' Stat Parti tas-CEFTA għandhom joħroġu ċertifikat tal-moviment EUR.1 jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fi Stat Parti tas-CEFTA, b'applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I.
2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21(2) u (3) tal-Appendiċi I, tista' ssir dikjarazzjoni tal-orijini jekk il-prodotti kkonċernati jkunu jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fi Stat Parti tas-CEFTA, b'applikazzjoni tal-akkumulazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan l-Anness, u jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I.

Artikolu 4

Dikjarazzjonijiet tal-fornitur

1. Meta jinħareġ ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew issir dikjarazzjoni tal-orijini fi Stat Parti tas-CEFTA għall-prodotti oriġinarji li waqt il-manifattura tagħhom, ikunu intużaw oġġetti ġejjin minn Stati Parti oħrajn tas-CEFTA li jkunu għaddew minn ħidma jew ipproċessar f'dawn l-Istati Parti mingħajr ma jkunu kisbu status oriġinarju preferenzjali, għandha titqies id-dikjarazzjoni tal-fornitur mogħtija għal dawk l-oġġetti skont dan l-Artikolu.
2. Id-dikjarazzjoni tal-fornitur imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandha sservi ta' evidenza għall-ħidma jew l-ipproċessar imwettqin fl-Istati Parti tas-CEFTA mill-oġġetti kkonċernati, bl-għan li jiġi ddeterminat jekk il-prodotti li waqt il-manifattura tagħhom jintużaw dawk l-oġġetti, jistgħux jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fl-Istati Parti tal-CEFTA jew jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra tal-Appendiċi I.
3. Ħlief fil-każijiet previsti fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, għandha ssir dikjarazzjoni tal-fornitur separata mill-fornitur għal kull konsenja tal-oġġetti fl-għamla preskritta fl-Anness G ta' dan l-Appendiċi, fuq karta meħmuża mal-fattura, man-nota tal-konsenja jew ma' kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor li jiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati f'biżżejjed dettall biex ikunu jistgħu jiġu identifikati.

4. Meta fornitur iforni regolarment lil klijent partikolari b'oġġetti li għalihom il-ħidma jew l-ipproċessar imwettqin fl-Istati Parti tas-CEFTA ikun mistenni li jibqgħu kostanti għal perjodu konsiderevoli ta' żmien, jista' jipprovdi dikjarazzjoni tal-fornitur unika li tkopri l-konsenji sussegwenti ta' dawk l-oġġetti ("dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil").

Normalment, dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil tista' tkun valida għal perjodu ta' sena mid-data li ssir id-dikjarazzjoni. L-awtorità doganali tal-Istat Parti tas-CEFTA fejn issir id-dikjarazzjoni, tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jintużaw perjodi itwal.

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil għandha ssir mill-fornitur fl-għamla preskritta fl-Anness H ta' dan l-Appendiċi u għandha tiddeskrivi l-oġġetti kkonċernati f'biżżejjed dettall biex ikunu jistgħu jiġu identifikati. Għandha tingħata lill-klijent ikkonċernat qabel ma jiġi fornut bl-ewwel konsenja tal-oġġetti koperti minn dik id-dikjarazzjoni jew flimkien mal-ewwel konsenja.

Il-fornitur għandu jinforma minnufih lill-klijent tiegħu jekk id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil ma tkunx għadha applikabbli għall-oġġetti fornuti.

5. Id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, għandhom ikunu ttajpjati jew stampati bl-Ingliż, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tal-Istat Parti tas-CEFTA fejn tkun saret id-dikjarazzjoni, u għandu jkollhom il-firma oriġinali tal-fornitur fil-manuskritt. Id-dikjarazzjoni tista' ssir ukoll bil-miktub; f'dan il-każ, għandha tinkiteb bil-linka f'karattri stampati.

6. Il-fornitur li jagħmel id-dikjarazzjoni għandu jkun lest li fi kwalunkwe ħin, fuq talba tal-awtorità doganali tal-Istat Parti tas-CEFTA fejn issir id-dikjarazzjoni, jissottometti id-dokumenti kollha xierqa li jippruvaw li l-informazzjoni mogħtija f'dik id-dikjarazzjoni hija korretta.

Artikolu 5

Dokumenti ta' sostenn

Id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur li jippruvaw li l-ħidma jew l-ipproċessar imwettqin fl-Istati Partijiet tas-CEFA minn materjali użati, li jsiru f'wieħed minn dawk l-Istati Parti, għandhom jiġu trattati bħala dokument imsemmi fl-Artikoli 16(3) jew 21(5) tal-Appendiċi I u l-Artikolu 4(6) ta' dan l-Anness, użati bl-għan li jippruvaw li dawk il-prodotti koperti minn ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew dikjarazzjoni tal-oriġini, jistgħu jitqiesu bħala prodotti li joriġinaw fi Stat Parti tas-CEFTA u li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħrajn tal-Appendiċi I.

Artikolu 6

Żamma tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur

Il-fornitur li jagħmel id-dikjarazzjoni tal-fornitur għandu jżomm il-kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fatturi, in-noti tal-konsenja jew dokumenti kummerċjali oħra li tkun meħmuża magħhom dik id-dikjarazzjoni, kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 4(6) ta' dan l-Anness, għal mill-inqas tliet snin.

Il-fornitur li jagħmel id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil għandu jżomm il-kopji tad-dikjarazzjoni u tal-fatturi, in-noti tal-konsenja jew dokumenti kummerċjali oħra li jikkonċernaw l-oġġetti koperti minn dik id-dikjarazzjoni mibgħuta lill-klijent ikkonċernat, kif ukoll id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 4(6) ta' dan l-Anness, għal mill-inqas tliet snin. Dak il-perjodu għandu jibda mid-data ta' skadenza tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil.

Artikolu 7

Kooperazzjoni amministrattiva

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 31 u 32 tal-Appendiċi I, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni kif suppost ta' dan l-Anness, l-Istati Parti tas-CEFTA, permezz tal-awtoritajiet doganali kompetenti, għandhom jassistu lil xulxin fil-verifika tal-awtentiċità taċ-ċertifikati tal-moviment EUR.1, id-dikjarazzjonijiet tal-oriġini jew id-dikjarazzjonijiet tal-fornitur, u l-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija f'dawk id-dokumenti.

*Artikolu 8***Verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur**

1. Il-verifiki sussegwenti tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur jew tad-dikjarazzjonijiet tal-fornitur għal terminu twil, jistgħu jitwettqu b'mod aleatorju jew kull meta l-awtorità doganali tal-Istat Parti tas-CEFTA fejn dawn id-dikjarazzjonijiet ikunu tqiesu biex jintuża ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew biex issir dikjarazzjoni tal-orġini, ikollha dubji raġonevoli dwar l-awtentiċità tad-dokument jew il-korrettezza tal-informazzjoni mogħtija fih.

2. Għall-għanijiet tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità doganali tal-Istat Parti tas-CEFTA msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għandha tirritorna d-dikjarazzjoni tal-fornitur jew id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil u l-fatturi, in-noti tal-konsenja jew dokumenti kummerċjali oħrajn li jikkonċernaw l-oġġetti koperti b'din id-dikjarazzjoni, lill-awtorità doganali tal-Istat Parti tas-CEFTA fejn tkun saret id-dikjarazzjoni, u fejn xieraq, tagħti r-raġunijiet tas-sustanza jew l-għamla tat-talba għall-verifika.

B'appoġġ għat-talba għal verifika sussegwenti, għandha tibgħat kwalunkwe dokument u informazzjoni li jkun nkisbu, li jissuġġerixxu li l-informazzjoni mogħtija mid-dikjarazzjoni tal-fornitur jew mid-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil mhijiex korretta.

3. Il-verifika għandha titwettaq mill-awtorità doganali tal-Istat Parti tas-CEFTA fejn tkun saret id-dikjarazzjoni tal-fornitur jew id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil. Għal dak l-għan, għandu jkollha d-dritt li titlob kwalunkwe evidenza u li twettaq kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet tal-fornitur jew kwalunkwe verifika oħra li tqis xierqa.

4. L-awtorità doganali li titlob il-verifika għandha tkun informata bir-riżultati ta' din il-verifika malajr kemm jista' jkun. Dawk ir-riżultati għandhom jindikaw b'mod ċar jekk l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-fornitur jew fid-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil hijiex korretta u jagħmluha possibbli li huma jiddeterminaw jekk u kemm din id-dikjarazzjoni tista' titqies għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-moviment EUR.1 jew biex issir dikjarazzjoni tal-orġini.

*Artikolu 9***Penali**

Il-penali għandhom jiġu imposti fuq kwalunkwe persuna li tfassal, jew tikkawża t-tfassil, ta' dokument li jkun fih informazzjoni skorretta bl-għan li jinkiseb trattament preferenzjali għall-prodotti.

*Artikolu 10***Projbizzjoni tar-rifużjoni tad-dazji doganali jew l-eżenzjoni minnhom**

Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 14 tal-Appendiċi I ma għandhiex tapplika fil-kummerċ bilaterali bejn l-Istati Parti tas-CEFTA."

ANNEX II

Fl-Appendiċi II tal-Konvenzjoni, jiżdied l-Anness G li ġej:

“ANNEX G

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal oġġetti li tkun saritilhom ħidma jew ipproċessar fl-Istati Parti tas-CEFTA mingħajr ma jkunu kisbu status ta' oriġini preferenzjali

Id-dikjarazzjoni tal-fornitur, li t-test tagħha qed jingħata hawn taħt, trid issir skont in-noti f'qiegħ il-paġna. Madankollu, in-noti f'qiegħ il-paġna ma għandhomx jiġu riprodotti.

DIKJARAZZJONI TAL-FORNITUR

għal oġġetti li tkun saritilhom ħidma jew ipproċessar fl-Istati Parti tas-CEFTA mingħajr ma jkunu kisbu status ta' oriġini preferenzjali

Jiena, is-sottoskritt, fornitur tal-oġġetti koperti bid-dokument meħmuż, niddikjara li:

1. Dawn il-materjali li ġejjin, li ma joriġinawx fl-Istati Parti tas-CEFTA, ġew użati fl-Istati Parti tas-CEFTA sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti:

Deskrizzjoni tal-oġġetti fornuti ⁽¹⁾	Deskrizzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati	Intestatura tal-materjali mhux oriġinarji użati ⁽²⁾	Valur tal-materjali mhux oriġinarji użati ⁽³⁾
Valur totali			

2. Il-materjali l-oħra kollha użati fl-Istati Parti tas-CEFTA sabiex jiġu prodotti dawn l-oġġetti joriġinaw fl-Istati Parti tas-CEFTA.
3. L-oġġetti li ġejjin saritilhom ħidma jew sarilhom ipproċessar barra minn Stat Parti tas-CEFTA skont l-Artikolu 11 tal-Appendiċi I tal-Konvenzjoni reġjonali dwar ir-regoli tal-oriġini preferenzjali pan-Ewro-Mediterranji u kisbu hemmhekk il-valur miżjud totali li ġej:

Deskrizzjoni tal-oġġetti fornuti	Valur miżjud totali miksub barra l-Istati Parti tas-CEFTA ⁽⁴⁾
.....
.....
.....
.....
.....

(Post u data)

.....

 (Indirizz u firma tal-fornitur; barra minn hekk, isem il-persuna
 li qed tiffirma d-dikjarazzjoni jrid jiġi indikat b'kitba ċara)

- (¹) Meta l-fattura, in-nota tal-konsenja jew dokument kummerċjali ieħor li magħhom tkun mehmuża d-dikjarazzjoni jirreferu għal tipi differenti ta' oġġetti, jew għal oġġetti li ma jinkorporawx daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornitur għandu jagħmel distinzjoni ċara bejniethom.

Eżempju:

Id-dokument huwa relatat ma' mudelli differenti ta' mutur elettriku bl-intestatura 8501 li jeħtieġ jintużaw fil-manifattura tal-magni tal-ħasil bl-intestatura 8450. In-natura u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi huma differenti għal kull mudell. Għalhekk, il-mudelli jridu jiġu differenzjati fl-ewwel kolonna u l-indikazzjonijiet fil-kolonna l-oħra jridu jingħataw b'mod separat għal kull wieħed mill-mudelli sabiex il-manifattur tal-magni tal-ħasil ikun jista' jagħmel valutazzjoni korretta tal-istatus oriġinarju tal-prodotti tiegħu skont liema mudell ta' mutur elettriku juża.

- (²) L-indikazzjonijiet mitluba f'dawn il-kolonna jenħtieġ li jingħataw biss jekk ikun hemm bżonn.

Eżempji:

Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolu 62 tgħid li jista' jintuża ħajt mhux oriġinarju. Jekk manifattur ta' tali lbies fis-Serbja juża drapp li huwa importat mill-Montenegro li jkun inkiseb hemm minn insiġ ta' ħajt mhux oriġinarju, ikun biżżejjed għall-fornitur tal-Montenegro li fid-dikjarazzjoni tiegħu jiddeskrivi l-materjal mhux oriġinarju użat bħala ħajt, mingħajr il-ħtieġa li jindika l-intestatura u l-valur ta' dan il-ħajt.

Produttur tal-ħadid bl-intestatura 7217 li jkun iproduċieħ minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji fit-tieni kolonna għandu jindika "vireg tal-ħadid". Meta fil-produzzjoni ta' magna jkollu jintuża l-wajer, li għalih ir-regola tistabbilixxi limitu għal ċertu valur perċentwali għall-materjali mhux oriġinarji kollha użati, il-valur tal-vireg mhux oriġinarji jeħtieġ li jiġi indikat fit-tielet kolonna.

- (³) "Valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-waqt tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati, jew, jekk dan ma jkunx magħruf u ma jistax ikun aċċertat, l-ewwel prezz aċċertat imħallas għall-materjali f'wieħed mill-Istati Parti tas-CEFTA; Il-valur preċiż għal kull materjal mhux oriġinarju użat irid jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.
- (⁴) "Valur miżjud totali" tfisser il-kostijiet kollha akkumulati barra mill-Istati Parti tas-CEFTA, inkluż il-valur tal-materjali kollha miżjuda hemmhekk. Il-valur miżjud totali preċiż miġsub lil hinn mill-Istati Parti tas-CEFTA jrid jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna."

.....
 (Post u data)

.....
 (Indirizz u firma tal-fornitur; barra minn hekk, isem il-persuna
 li tkun qed tiffirma d-dikjarazzjoni jeħtieġ li jiġi indikat b'kitba
 ċara)

(¹) Isem u indirizz tal-klijent.

(²) Meta l-fattura, in-noti tal-konsenja jew dokument kummerċjali ieħor li magħhom tkun mehmuża d-dikjarazzjoni jirreferu għal tipi differenti ta' oġġetti, jew għal oġġetti li ma jinkorporawx daqstant materjali mhux oriġinarji, il-fornitur irid jagħmel distinzjoni ċara bejniethom.

Eżempju:

Id-dokument huwa relatat ma' mudelli differenti ta' mutur elettriku bl-intestatura 8501 li jeħtieġ jintużaw fil-manifattura tal-magni tal-ħasil bl-intestatura 8450. In-natura u l-valur tal-materjali mhux oriġinarji użati fil-manifattura ta' dawn il-muturi huma differenti għal kull mudell. Għalhekk, il-mudelli jridu jiġu differenzjati fl-ewwel kolonna u l-indikazzjonijiet fil-kolonna l-oħra jridu jingħataw b'mod separat għal kull wieħed mill-mudelli sabiex il-manifattur tal-magni tal-ħasil ikun jista' jagħmel valutazzjoni korretta tal-istatus oriġinarju tal-prodotti tiegħu skont liema mudell ta' mutur elettriku juża.

(³) L-indikazzjonijiet mitluba f'dawn il-kolonna jenħtieġ li jingħataw biss jekk ikun hemm bżonn.

Eżempji:

Ir-regola għall-ilbies tal-ex Kapitolu 62 tgħid li jista' jintuża ħajt mhux oriġinarju. Jekk manifattur ta' tali lbies fis-Serbja juża drapp li huwa importat mill-Montenegro li jkun inkiseb hemm minn insiġ ta' ħajt mhux oriġinarju, ikun biżżejjed għall-fornitur tal-Montenegro li fid-dikjarazzjoni tiegħu jiddeskrivi l-materjal mhux oriġinarju użat bħala ħajt, mingħajr il-ħtieġa li jindika l-intestatura u l-valur ta' dan il-ħajt. Produttur tal-ħadid bl-intestatura 7217 li jkun ipproduċieħ minn vireg tal-ħadid mhux oriġinarji fit-tieni kolonna għandu jindika "vireg tal-ħadid". Meta fil-produzzjoni ta' magna jkollu jintuża l-wajer, li għalih ir-regola tistabbilixxi limitu għal ċertu valur perċentwali għall-materjali mhux oriġinarji kollha użati, il-valur tal-vireg mhux oriġinarji jeħtieġ li jiġi indikat fit-tielet kolonna.

(⁴) "Valur tal-materjali" tfisser il-valur doganali fil-waqt tal-importazzjoni tal-materjali mhux oriġinarji użati, jew, jekk dan ma jkunx magħruf u ma jistax ikun aċċertat, l-ewwel prezz aċċertat imħallas għall-materjali f'wieħed mill-Istati Parti tas-CEFTA; Il-valur preċiż għal kull materjal mhux oriġinarju użat irid jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

(⁵) "Il-valur miżjud totali" għandu jfisser il-kostijiet kollha akkumulati barra mill-Istati Parti tas-CEFTA, inkluż il-valur tal-materjali kollha miżjuda hemmhekk. Il-valur miżjud totali preċiż miġsub barra mill-Istati Parti tas-CEFTA jrid jingħata għal kull unità tal-oġġetti speċifikati fl-ewwel kolonna.

(⁶) Daħħal id-dati. Il-perjodu tal-validità tad-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil, normalment jenħtieġ li ma jaqbiżx it-12-il xahar, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż fejn issir id-dikjarazzjoni tal-fornitur għal terminu twil.

(⁷) Isem u indirizz tal-klijent."